---

25 ta' Novembru, 1955

**Imħallef:**
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Domenico Pantalleresco *versus* Giovanni Camilleri

## Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 197(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

*Huwa veru li skond il-liġi, meta l-kawża tissejjaħ tliet darbiet u jidher biss il-konvenut jew l-avukat tiegħu, jew il-prokuratur legali tiegħu, skond il-każ, hu jista' jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż; però dana ma jfisserx illi l-konvenut għandu*

*d-dritt assolut għal dik il-liberazzjoni. Għaliex jibqa' dejjem neċessarju li jiġi eżaminat, fil-każ partikulari, jekk l-attur kellux l-intenzjoni li jabbandunà l-kawża, deżunta minn non-komparizzjoni tiegħu. Jekk dina l-intenzjoni ma tirriżultax, il-liġi ma għandhiex isservi għas-sorpriżi, u jeħtieġ li tkun applikata skond l-ispirtu li ddeterminaha.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, peress li l-attur kien jokkupa in lokazzjoni l-fond nru. 62 Marsamuxetto Road, Valletta; u peress li l-konvenut kien talbu jċedilu din il-lokazzjoni bil-patt li jiġi aċċettat mis-sid u li jikkompensah għax-xogħlijiet u benefikati kollha li l-attur kien għamel fl-istess fond minn flusu; u peress li l-attur fil-fatt ċeda a favur tal-konvenut il-lokazzjoni tal-fond in kwistjoni, però dan issa qiegħed jirrifjuta li jħallas il-prezz ta' l-imsemmija xogħlijiet u benefikati; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u okkorrendo dik li l-konvenut obliga ruħu li jirrifondi lill-attur l-ispiża li dan għamel fil-fond in kwistjoni, u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li jiġi likwidat l-ammont li swew ix-xogħlijiet u l-benefikati li għamel l-attur "de proprio" fil-fond nru. 62 Marsamuxetto Road, Valletta, okkorrendo permezz ta' periti nominandi; u konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ammont hekk likwidat skond l-obligazzjoni minnu assunta meta saret iċ-ċessjoni tal-lokazzjoni fuq imsemmija. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Jannar, 1955;

*Omissis;*

Rat il-verbal tas-17 ta' Novembru, 1955 (fol. 12), mnejn jirriżulta illi, meta ġiet imsejħa l-ewwel darba l-kawża, l-attur u d-difensur tiegħu, imsejħin tliet darbiet, ma deħrux, u l-avukat tal-konvenut talab il-liberazzjoni tal-konvenut skond il-liġi; il-kawża ġiet posposta għad-deċiżjoni; iżda meta l-kawża reġgħet issejħet, deher l-Avukat Victor E. Ragonesi għall-attur, u nforma lill-Qorti illi ħamest ijiem qabel il-klijent tiegħu bagħat jgħidlu li hu indispost, biex jitlob differiment f'diversi kawżi li kellu, u li fil-fatt f'kawża oħra Dottor Ragonesi kien talab u ottjena differiment. B'dankollu, l-avukat tal-konvenut baqa' jinsisti fuq it-talba għall-liberazzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-inċident fuq verbalizzat;

Illi huwa veru li skond l-art. 197(2) tal-Proċedura Ċivili, jekk, wara li l-kawża tissejjaħ tliet darbiet, jidher biss il-konvenut jew l-avukat tiegħu, jew il-prokuratur legali tiegħu, skond il-każ, hu jista' jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż; dana però ma jfisserx illi l-konvenut għandu d-dritt assolut għal dik il-liberazzjoni; għaliex jibqa' dejjem neċessarju li jiġi eżaminat, fil-każ partikulari, jekk l-attur kellux l-intenzjoni li jabbanduna l-kawża, deżunta minn non-komparizzjoni tiegħu; jekk dina l-intenzjoni ma tirriżultax, il-liġi ma għandhiex isservi għas-sorpriżi, u jeħtieġ li tkun applikata skond l-ispirtu li ddeterminaha. Din hija l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Tagħna (Kollez. XXIV-I-594; XXVIII-I-904);

Illi fiċ-ċirkustanzi kif riżultati ma jidherx li l-attur kellu intenzjoni li jabbanduna l-kawża; anzi jirriżulta proprju l-kuntrarju;

Illi in vista ta' l-imsemmija ċirkustanzi l-ispejjeż għandhom jiġu moderati;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara li ma hemmx lok għall-liberazzjoni tal-konvenut, minnu kif fuq mitluba, u tordna li l-kawża titkompla fil-meritu fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 1956;

L-ispejjeż ta' l-inċident jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-attur.